MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 860/2003

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha John Bugeja sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess John Bugeja**

**vs**

**Claudio Sciberras**

**It-Tribunal,**

Rat t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta‘ tlett mitt lira Maltin (Lm300) rapprezentanti danni u spejjez inkorsi mill-atturi in segwitu ghal incident stradali li sehh fit Triq San Bastjan, Qormi nhar it-28 ta’ Novembru 2001 bejn vettura bin-numru ROD 001 proprjeta ta’ John Bugeja u l-vettura bin-numru DAD 238 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh unikament b’tortijiet imputabbli lill-konvenut.

Ra n-nota ta’ ammissjoni prezentata seduta stante fid-9 ta’ Frar 2004.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici kif dedotta bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Settembru 2002 u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------